# SSAR

**Social Studies Assessment Reorganization**

## Ir-Rwol tal-Ġenituri fl-SSAR

Tony Pace
Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja

Nistedinkom taħsbu ftit dwar dawn il-figuri li ġejjin.

1. Ġurnata fiha 24 siegħa; ġimgħa fiha 168 siegħa.
2. It-tfal ikunu l-iskola għal 6 sigħat kuljum jew 30 siegħa kull ġimgħa.
3. Dan ifisser li student iqatta' biss madwar 18% tal-ħin tiegħu l-iskola; it-82% l-oħra jqattagħhom barra mill-iskola.

N.B. F'dawn il-figuri, m'aħniex qegħdin ninkludu l-ġranet tal-vaganzi.

Wieħed mill-ewwel jinduna bl-importanza tal-ħin li l-istudenti jqattgħu barra mill-iskola. M'hemmx dubju li l-ġenituri għandhom importanza enormi meta niġu għall-edukazzjoni tal-istudenti tagħna. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li:

**FILWAQT LI, IL-ĠENITURI JISTGĦU JGĦINU ĦAFNA FL-EDUKAZZJONI, JISTGĦU UKOLL, JEKK MA JOQOGĦDUX ATTENTI, IFIXKLU T-TAGĦLIM TA' WLIEDHOM.**

Ta' min jistaqsi:
**L-istudenti tagħna kif jgħadduh il-ħin meta ma jkunux qegħdin l-iskola?** Fost attivitajiet oħra, l-istudenti:

- jagħmlu x-xogħol tad-dar jew il-*homework*
- jgħinu fid-dar
- jipprattikaw xi passatemp
- jilagħbu, jistrieħu jew jorqdu.



### L-SSAR u l-Ġenituri

- ☞ Il-ġenituri jinteressaw ruħhom fix-xogħol ta' wliedhom √ (iva)
- ☞ Il-ġenituri jistgħu jagħmlulhom ir-riċerka kollha huma għax it-tfal għandhom wisq x'jagħmlu X (le)
- ☞ Fejn l-istudenti jeħlu, u ma jkunux jafu kif jistgħu jkomplu, il-ġenituri għandhom jagħtuhom pariri kif jistgħu jkomplu jiżviluppaw ix-xogħol √ (iva).

Fl-SSAR, matul is-sena skolastika 2013-14, huwa maħsub li kull student jaħdem fuq proġett li jiġi magħżul minn lista apposta. Il-proġett huwa marbut mas-sillabu tal-Ħames Sena u se jiġi assessjat minn total ta' 20 marka.

Mill-ewwel tqum il-mistoqsija: **IL-ĠENITURI GĦANDHOM JGĦINUHOM LIT-TFAL TAGĦHOM? JEKK IVA, KIF?**

- il-ġenituri m'għandhom qatt jagħmlulhom ix-xogħol kollu huma
- il-ġenituri għandhom jinkoraġġuhom u jmexxuhom; meta l-istudenti jeħlu f'xi ħaġa, il-ġenituri għandhom juruhom kif jistgħu joħorġu mill-problemi li weħlu fihom
- huwa tajjeb li l-ġenituri jinteressaw ruħhom f'dak li jkunu qed jitgħallmu t-tfal.

Għal iktar tagħrif dwar l-SSAR idħol fil-blog:
http://primarysocialstudies.skola.edu.mt